**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 9 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Numru : 881/2016/JPG**

**HSBC Bank Malta plc. (C3177)**

**VS**

**Micallef Leone (67885M)**
**Micallef Ines (118051M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-Rikors ta' Leone u Ines konjugi Micallef datat 29 ta' Settembru 2016, (a fol 1 et seq):

*Illi permezz ta' Rikors ghal mandat ta' qbid esekuttiv fuq hwejjeg immobbli u bejgh bis-subbasta pprezentat fil-11 ta' Awissu 2016, il-Bank talab lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta' mandat ta' qbid ezekuttiv b'dan li tordna l-bejgh in subbasta tal-proprjeta` deskritta fir-rikors, u cioe`:*

*a) Maisonette fil-livell ta' ground floor li jinkludi bitha interna bla isem u bla numru u jifforma parti minn kumpless ta' bini li jikkonsisti f'zewg maisonettes u sitt appartamenti u zewg duplex penthouses. Il-kumpless m'ghandux isem, huwa*

*minghajr numru u huwa mibni fuq fejn qabel kien hemm il-fondi 8 u 9, Mattew Pulis Street, Tigne`, Sliema bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kollha.*

*Illi din l-Onorabbli Qorti b'digriet tal-11 ta' Awissu 2016 laqghat it-talbiet tal-Bank u ordnat il-bejgh bis-subbasta tal-immobbli nhar il-Hamis, 10 ta' Novembru 2016.*

*Illi b'digriet tat-2 ta' Settembru 2016, din l-Onorabbli Qorti hatret lill-Perit AIC Bernice Casha bhala espert biex thejji deskrizzjoni tal-fond, kif ukoll lil John Gingell Littlejohn biex imexxi l-irkant.*

*Illi minkejja li fil-11 ta' Awissu 2016 din l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika tar-rikors u d-digriet lid-debituri, dan ma sarx.*

*Illi l-esponent gie avzat mill-Perit bl-appuntament biex issir id-deskrizzjoni.*

*Illi HSBC Bank Malta p.l.c. qed jilledi d-drittijiet ta' l-esponenti u qed jizvija lil din l-Onorabbli Qorti, u dan kif ser jinghad:*

1) *Illi fis-sena 2012, il-Bank kien diga` talab il-bejgh bis-subbasta tal-immobbli indikati fl-atti tas-**Subbasta numru 94/2012**, fosthom l-istess maisonette fi Triq Mattew Pulis, Tigne`, Sliema, numru 8 u 9.*

2) *Illi b'digriet tat-18 ta' Gunju 2013, din l-Onorabbli Qorti, wara li rat ir-risposta tal-Bank, laqghet it-talba ta' Leone u Ines konjugi Micallef ghas-sospensjoni tas-subbasta.*

3) *Illi fit-8 ta' Lulju 2013, il-Bank talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet taghha tad-19 [recte: 18] ta' Gunju 2013 u tordna minflok il-prosegwiment tal-bejgh bis-subbasta bin-numru 94/2012.*

4) *Illi r-rikors tal-Bank gie sahansitra appuntat ghas-smiegh u difatti t-talba tal-Bank giet ittrattata fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2013.*

5) *Illi fis-6 ta' Awissu 2013, inghata provvediment finali minn din l-Onorabbli Qorti li permezz tieghu cahdet it-talba ta' HSBC Bank Malta p.l.c. –*

> *"Tichad it-talba tal-HSBC Bank Malta p.l.c. ghar-ragunijiet gja elenkati fir-risposta ta' Leone u Ines Micallef tal-25 ta' Lulju 2013, u tikkonferma d-digriet taghha tat-18 ta' Gunju 2013 fejn issospendiet is-subbasta odjerna, u dana in vista tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet '**Leo Micallef et vs. Dr. Kris Busietta**' li jikkostitwixxu impediment legittimu ai termini ta' Artikolu 326(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta."*

6) *Illi b'hekk is-subbasta appuntata ghall-20 ta' Gunju 2013 thassret.*

7) *Illi in segwitu, HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezenta proceduri 540/2015 fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs. Leone Micallef et, li fihom l-esponenti ssollevaw lanjanza kostituzzjonali.*

8) *Illi fl-10 ta' Mejju 2016 HSBC Bank Malta p.l.c. ceda l-kawza kontra Leone u Ines Micallef.*

9) *Illi minn dan hawn fuq premess jirrizulta –*

- *li l-Bank kien ben konsapevoli bl-atti tas-Subbasta precedenti 94/12;*

- *li l-Bank kien jaf li din l-Onorabbli Qorti kienet issospendiet is-subbasta;*

- *li minkejja r-rikors tieghu ghar-revoka 'contrario imperio', din l-Onorabbli Qorti kienet ikkonfermat id-digriet tas-sospensjoni, wara li cahdet it-talba ghar-revoka 'contrario imperio';*

- *li bil-ghan li tghaddi tieghu, il-Bank fetah kawza 540/2015 kontra l-esponenti Leone Micallef et, li fiha giet sollevata lanjanza kostituzzjonali, izda kien kostrett icedi l-kawza fl-10 ta' Mejju 2016;*

- *dejjem bil-ghan li ma jobdix l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezenta talba ghal Subbasta gdida – u dan minghajr ma ghamel l-icken riferiment ghas-Subbasta Numru 94/12 li kienet giet imwaqqfa minn din l-Onorabbli Qorti, u b'hekk ried iqarraq u jisfida l-ordni tal-Qorti.*

10) *Illi dan l-agir ta' HSBC Bank Malta p.l.c. jimmerita li jigi ccensurat minn din l-Onorabbli Qorti in kwantu l-Bank ipprova jizvija lill-Qorti billi pprezenta rikors ghas-subbasta gdid, u hekk tkun ghaddiet ir-rieda tieghu u mhux tal-Qorti.*

11) *Illi dan l-agir jikksostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti. Jidher car li l-Bank, minkejja li ghandu s-sede tieghu barra mix-xtut ta' pajjizna u ghalhekk huwa mistieden f'pajjizna, qed juza s-sahha tieghu billi jinjora l-ordni tal-Qorti, wara li huwa kellu sahansitra jcedi l-kawza in segwitu ghas-sospensjoni tas-*

*subbasta precedenti, u b'hekk qed jipprova jcekken lil din l-Onorabbli Qorti u jzeblah l-ordnijiet taghha. M'hemmx dubju illi HSBC Bank Malta p.l.c. qed jagixxi in malafede.*

12) *Illi jispetta lil din l-Onorabbli Qorti li taghti l-appogg shih taghha lid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta u ma thallix lill-Bank jeludi l-ordni ta' dik l-Onorabbli Qorti.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Thassar id-digrieti taghha tal-11 ta' Awissu 2016 u tat-2 ta' Settembru 2016 u tordna mill-gdid is-sospensjoni tas-subbasta numru 62/16; u*

2) *tordna li jittiehdu passi ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti kontra l-Bank.*

Rat ir-risposta tal-Bank HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177) datat fl-14 t'Ottubru 2016, li taqra hekk:

*llli din hija risposta ghal rikors ta' Leone u lnes konjugi Micallef li bih l-imsemmija konjugi Micallef qeghdin jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Thassar id-digriet taghha tal-11 ta' Awissu, 2016 u tat-2 ta' Settembru ,2016 u tordna mill-gdid is-sospensjoni tas-subbasta numru 62/16; u*

2. *Tordna li jittiehdu passi ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontra l-Bank*

*llli l-Bank jopponi ghal dawn it-talbiet ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati:*

***Il-bazi tat-talbiet tar-rikorrenti***

*Illi jekk wiehed jifli r-rikors tal-konjugi Micallef, l-argument wahdieni taghhom huwa illi, f'subbasta precedenti li kienet tinvolvi l-istess partijiet, din l-Onorabbli Qorti kienet ordnat sospensjoni tas-subbasta in vista tal-fatt illi l-konjugi Micallef kienu fethu kawza kontra dak li kien precedentement l-avukat taghhom ghal allegat nuqqasijiet professjonali. ll-Qorti, f'digrieti datati 18 ta' Gunju, 2013 u 6 t'Awwisu, 2013, moghtija fil-kuntest ta' subbasta ohra (94/2012), kienet irragunat illi l-potenzjal ta' Micallef li jirbhu l-kawza u ghalhekk 'il quddiem ikollhom minn fejn ihallsu d-djun lejn il-Bank kienet raguni tajba bizzejjed sabiex is-subbasta tieqaf.*

*Illi Micallef essenzjalment isostnu illi dawn id-digrieti, minkejja illi moghtija f'subbasta ohra mibdija erba' snin ilu, ghandhom jibqghu jghoddu bejn il-partijiet u li ghalhekk is-subbasta prezenti m'ghandhiex titkompla.*

*Aktar minn hekk, Micallef qed jallegaw illi din is-subbasta l-gdida mhijiex hlief xi procedura nefarja tar-bank biex "idur" mad-digrieti precedenti.*

***Hemm ragunijiet sabiex titwaqqaf is-subbasta odjerna?***

*Illi ghal kull bwon fini l-bank esponenti ifakkar illi s-subbasta odjerna hija wahda differenti minn dik 94/2012 u totalment gdida, mibdija korrettement u kif kellu kull dritt jaghmel il-bank ai termini tal-ligi.*

*Micallef ma gabu <u>ebda raguni gdida</u> li tiggustifika illi s-subbasta tieqaf. Ghalhekk wiehed irid jistaqsi qabel xejn jekk is-sitwazzjoni baqghetx tassew l-istess kif kienet fl-2012/2013 u digriet moghtija precedentement ghandhomx jitqiesu li "jibqghu jghoddu" f'subbasta gdida.*

*Proceduralment certament iili dan mhux ir-kaz ghaliex digrieti li huma applikabbli ghal subbasta ohra ma jistghux jitqiesu li awtomatikament japplikaw f'subbasta differenti, anke jekk bejn l-istess partijiet.*

*llli barra minn hekk, id-digrieti precedenti dwar sospensjoni tas-subbasta ma kienux*

*jirreferu ghall-istess proprjeta' li hija mertu tas-subbasta prezenti - dan ghaliex qabel ma l-Qorti kienet ordnat is-sospensjoni tas-subbasta 94/2012, il-Bank kien diga unilateralment issospenda l-imsemmija subbasta fir-rigward tal-proprjeta, fi Triq Mattew Pulis, Tigne, Sliema (***Dok HSBC 1*** *anness). Ghalhekk, id-digrieti ta' sospensjoni moghtija mill-Qorti precedentement ma kienux jirreferu ghal tali proprjeta, illi hija issa s-suggett tas-subbasta odjerna.*

*L' hinn pero' minn dawn l-argumenti prettament procedurali, wiehed ghandu pero jzomm f'mohhu illi c-cirkustanzi nbidlu konsiderevolment mill-2013.*

*Fil-fatt, Micallef, li huma tant pronti biex lil Bank jattribwulu "malafede", mhumiex qed jghidu haga importanti, u cioe illi l-kawza Leo Micallef v Dr Kris Busietta illi l-Qorti kienet precedentement qieset "impediment legittimu" ghas-subbasta, giet fil-frattemp deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta kontra l-istess konjugi Micallef (ara sentenza tal-11 ta'Marzu, 20l4 annessa ghall-pratticita bhala* ***Dok HSBC 2****). Mhux biss it-talbiet ta' Micallef ma gewx milqugha, izda l-Qorti kellha kliem mill-aktar iebes fil-konfront tal-atturi li hija ddeskriviet bhala "clutching at straws". Il-Qorti ddeplorat dak li sejhet "atmosfera ta' theddid" fil-konfront tal-eks-konsulent legalita' Micallef. Fi kliem iehor, il-Qorti f'din is-sentenza fehmet illi l-kawza miftuha minn Micallef kien attentat - illi l-Qorti kjarament iddeplorat - sabiex kemm jista,jkun Micallef jitfghu r-responsabbilitajiet taghhom fuq haddiehor.*

*Huwa minnu (u dan qed jinghad b'lealta' lejn il-Qorti) li s-sentenza giet appellata, izda decizjoni iebsa u skjetta bhal din certament ma tistax tigi injorata u tbiddel totalment ix-xenarju vigenti fl-2012/2013 fejn forsi din il-Qorti kienet disposta li taghti lil Micallef the benefit of the doubt.*

*Huwa interessanti illi s-sentenza tal-11 ta' Marzu, 2014 hija "dettall" illi Micallef konvenjentement insew isemmu fir-rikors taghhom.*

*Illi fid-dawl ta' dan, il-Bank esponenti umilment jissottometti illi l-konjugi Micallef ma jistghux jibqghu jistriehu fuq id-digrieti tal-2013, moghtija (jerga, jinghad) f'subbasta differenti u f'cirkostanzi differenti u jippretendu illi tali digrieti ghandhom jibqghu japplikaw daqslikieku kienu xi "res judicata".*

*Huwa ghalhekk sottomess illi, fir-rigward tal-mertu tal-ewwel talba, ma ngabux ragunijiet tajba sabiex is-subbasta tigi posposta.*

***It-talba ghal sejbien to' disprezz***

*Illi qabel xejn, trid issir distinzjoni netta bejn l-ewwel u t-tieni talba tal-konjugi Micallef. Anke jekk, ghall-grazzja tal-argument jitqies illi r-rikorrenti Micallef ghandhom argument procedurali siewi biex issir sospensjoni tas-subbasta, naturalment dan ma jfissirx illi l-agir tal-bank huwa tali illi jikkostitwixxi disprezz lejn l-Awtorita' ta l-Qorti.*

*Illi jinghad qabel xejn illi t-talba ghal sejbien ta' disprezz ghandha, semmai, issir mir-Registratur tal-Qorti ai termini tal-Artiklu 1003 A tal-Kap 12, u ma tistax titressaq bil-mod kif sar mill-konjugi Micallef.*

*Illi fil-mertu pero, il-bank esponenti jichad kategorikament illi huwa agixxa b'xi mod hazin jew in malafede u certament ma kien hemm ebda hsieb illi l-bank jonqos mir-rispett dovut lejn il-Qorti.*

*Illi huwa sinjifikanti illi biex jiggustifikaw l-allegazzjoni serja taghhom malafede, il-konjugi Micallef ma jiccitawx artiklu wiehed tal-ligi u/jew ordni specifika tal-Qorti illi l-Bank allegatament kiser, izda minflok jistriehu fuq sensiela ta' allegazzjonijiet, insinwazzjonijiet u deduzzjonijiet denji ta' xi rumanz biex jibnu argument kontra l-bank. Dan meta, ghall-kuntrarju, huwa pacifiku illi malafede <u>trid tigi pruvata</u> u ma tista' qatt tigi prezunta.*

*Illi ma jista' qatt jinghad illi hemm disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti meta ma giet miksura ebda ordni moghtija mill-Qorti.*

*Illi anke dawk il-fatti illi l-konjugi Micallef isemmu bhala ezempji ta' malafede, ma huma xejn minn dan u certament ma jwasslu ghal ebda kontumelja lejn il-Qorti,*

*Illi nghidu ahna n-nuqqas ta' notifika tal-konjugi Micallef tista', fl-aghar ipotezi titqies bhala zvista, imma certament ma kienitx xi mossa intenzjonali - anke jekk wiehed irid ikun*

*"ciniku", huwa fl-interess tal-Bank illi l-ewwel u qabel kollox jassigura illi l-process procedurali (inkluz kull notifika ordnata mill-Qorti) jigi segwit b'mod assidwu, specjalment f'subbasta u f'kuntest ta' debituri "litiginuzi" bhal Micalief. Li wiehed jghid illi l-Bank intenzjonalment ma wettaqx notifika (bir-riskji procedurali li dan seta' jgib) mhuwiex kredibbli.*

*Illi anke l-irtirar tar-rikors intavolat mill-Bank ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv qed tinghata interpretazzioni kemmxejn "immaginattiva". Huwa pacifiku illi d-dhul fis-sehh tal-Att IV tal-2016 biddel kemm il-proceduri tas-subbasta, kif ukoll it-termini ta' validita' tat-titori ezekuttiva. Fid-dawl ta' dan it-tibdiliet, ma kienx baqa, skop ghall-bank illi jkompli bir-rikors mahluf 540/2015 SM. Dan gie indikat fl-istess nota ta' cessjoni imhejjija u pprezentata mill-Bank. Ma hemm xejn x'juri illi dan sar bhala parti minn xi komplott nefarju fir-konfront ta' Micallef.*

*Illi fl-ahjar ipotezi ghal Micallef, jista' jkun illi din il-Qorti tasal biex tghid illi d-digrieti precedentement moghtija ghandhom jghoddu wkoll ghal din is-subbasta. Ghalkemm il-Bank bir-rispett ma jaqbel xejn ma' din il-pozizzjoni, anke jekk il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni' ma jfissirx illi b'daqshekk hemm ksur tad-digrieti precedenti tal-Qorti u' aghar minn hekk, li dan jammonta ghal disprezz. Kieku kien hekk, kull meta f'kawza issir eccezzjoni ta' res judicata jitressaq maghha rikors ghal sejbien ta' disprezz!*

***Konkluzjoni***

*Illi ghar-ragunijiet imsemmija, il-bank esponenti umilment jsostni illi t-talbiet tal-konjugi Micallef jisthoqqilhom illi jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.*

Rat id-digriet tas-17 t'Ottubru, 2016 li permezz tieghu gew allegati l-atti tas-subbasta relevanti mal-kawza odjerna;

**Ikkonsidrat**

Il-konjugi Micallef qieghdin jitolbu lil Qorti sabiex thassar id-digrieti taghha tal-11 ta' Awissu 2016 u tat-2 ta' Settembru 2016 u tordna mill-gdid is-sospenjoni tas-subbasta numru 62/16, u dan ghaliex jezisti impediment legittimu, u cioe il-fatt illi l-kawza fl-ismijiet Leo Micalled et vs Dr. Kris Busietta ghada ma gietx deciza finalment. Il-bank minn naha l-ohra jargumenta illi fid-dawl tas-sentenza moghtija in prim'istanza u il-mod kif l-agir tal-konjugi Micallef u d-difensur legali taghhom gie ccensurat minn dik il-Qorti, ix-xenarju vigenti fl-2012/2013 gie kompletament mibdul, u li inoltre, l-konjugi Micallef ma jistghux jibqghu jistriehu fuq id-digrieti tal-2013, moghtija f'subbasta differenti u f'cirkostanzi differenti u jippretendu illi tali digrieti ghandhom jibqghu japplikaw daqs li kieku kienu xi *res judicata*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs V.K. Construction Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Lulju 2013 gie rrilevat illi:

> ***"[i]l-Qorti tqis li debitur ghandu dawn iz-zewg modalitajiet kif jattakka subbasta kontrih....It-tieni rimedju cioe dak kontemplat fl-artikolu 326 hu mmirat biss biex jissospendi ghal zmien l-prosegwiment tas-subbasta pendenti proceduri li jistghu isehhu ghal ragunijiet li jistghu jolqtu l-mertu konness mal-att ezekuttiv. Dan qed jinghad billi dan l-artikolu hu miftuh fid-dicitura tieghu b'dan pero jithalla fid-deskrizzjoni tal-Qorti li tirraviza raguni tajba bizzejjed li timmerita u tinnecessita ssospensjoni tas-subbasta."***

Illi l-Artikolu 326(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi :

> ***"[l]-irkant jew il-liberazzjoni ghandhom dejjem jitwaqqfu fuq talba tad-debitur bil-kunsens tal-kreditur jew fuq talba tal-kreditur bil-kunsens tad-debitur, u, f'dan il-kaz, kif ukoll meta it-twaqqif isir minhabba impediment legittimu iehor ..."***

Il-Qorti hija tal-fehma illi c-censura li gew soggetta ghaliha l-konjugi Micallef fis-sentenza tal-prim'istanza ma tnehhi xejn mill-fatt illi galadarba gie interpost appell minn din is-

sentenza, xorta wahda ghad hemm impediment legittimu ghal prosegwiment ta' din is-subbasta. M'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tiddetermina xi probabilita ta' success tal-appell interpost mill-konjugi Micallef u zgur li ma tistghax tibbaza d-decizjoni taghha fuq tali tbassir. Ghalhekk, sakemm il-kawza msemmija tibqa' pendenti, jibqa' jezisti impediment legittimu ghal prosegwiment ta' din is-subbasta.

**Ikkonsidrat;**

Il-konjugi Micallef talbu wkoll illi jittiehdu proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti kontra l-Bank a bazi tal-fatt illi allegatament il-Bank agixxa in mala fede meta rega prosegwa bis-subbasta.

Il-Qorti pero tqis illi din il-malafede ravvizata mill-konjugi Micallef ma tirrizultax mill-atti. Il-fatt illi kreditur jerga jipprova jikseb l-esekuzzjoni tal-kreditu tieghu meta jkun hemm bdil fic-cirkostanzi li wasslu ghas-sospensjoni originali, zgur li jissarafx f'malafede, izda l-Qorti ppretendiet aktar lealta mill-bank attur, li kellhu almenu d-dmir li jinformha bid-digriet tas-susspensjoni tas-subbasta originali. Il-Qorti tinnota ukoll, illi l-konjugi Micallef, bl-istess manjera, kienu pjuttost zleali lejn il-Qorti meta naqsu milli jsemmu il-progress li sar fil-kawza in kwistjoni, meta jafu li dan huwa fattur importanti ghad-decizjoni tal-Qorti galadarba is-sospensjoni tas-subbasta kienet ibbazata fuq l-ezistenza ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-tieni talba, tilqa' l-ewwel talba tal-konjugi Micallef u tordna illi s-subbasta 62/16 tigi sospiza sa s-sentenza finali fil-kawza fl-ismijiet premessi Leo Micallef et vs Dr. Kris Busietta, Rikors Guramentat Numru 1047/2011.

Spejjez ghandhom ikunu divisi bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**